MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2363/2003

**Attrans Limited**

**vs**

**Iceberg Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' hames mija u sitta u tletin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm536.20) dovut ghal servizzi rezi ta' garr ta' merkanzija rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Novembru, 2003, u bl-imghax legali mill-11 ta' Awwissu, 2003 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u sitta u tletin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm536.20), bl-imghax pagabbli mill-11 ta’ Awwissu 2003 sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------